**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

IS-SEBGĦA KUNSILL

SEDUTA NRU 38 – L-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015 fil-17.00hrs

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr.Marc Sant | MinorityLeader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.15p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku. Hija stiednet lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi korrezzjonijiet fuq il-minuti nr 37 ta' 19 t'Awwissu. Peress li ma kienx hemm aktar korezzjonijiet, fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sinjorina Stephanie Cutajar, minuti nr 37 tad-19 t'Awwissu 2015 ġew approvati unanimament.

## 2. ARISING

2.1 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar reġgħet qajmet il-problema fuq is-sitwazzjoni tal-parking in-naħa ta' fejn toqgħod hi. Ġie deċiż li nistaqsu biex is-servizz tal-Wardens fir-raħal ikun ta' bejn erba jew ħames siegħat fil-ġimgħa u jkunu mqassmin bejn il-Ġimgħa u s-Sibt bejn it-8.30p.m. u 9.30p.m u il-Ħadd filgħodu. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ser iddur mar-raħal u tara fejn hemm bżonn li l-gwardjani lokali l-aktar li hemm bżonn joqgħodu. Meta dan is-servizz ikun ser jingħata għandu jintbagħat avviż lill-Kappillan biex javża fil-quddies. Barra minn hekk hemm bżonn ta' *deleanator* oħra fi Triq il-Forn għax xorta għadu qed isir parking ħażin.

2.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant wal li hafna zmien ilu, merta kien ghadu responssable mit-traffiku, he kien mar on site ma' Clayton sabiex jurih l-idea li l-bankina quddiem il-Grasshopper Bar titwessa ftit. B'hekk inkunu wkoll qed neliminaw il-parking li jsir barra mill-kaxxi bojod u li gieli holqu periklu. Hu insista li minn dak iz-zmien sa llum ghadu qatt ma ra xi pjanti jew proposti.Trid isir *inspection* biex naraw kif jista jsir dan.

2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet ukoll li parking ħażin qed isir ukoll fuq il-bankina tal-Village Wine Bar.

2.4 Is-Segretarju staqsiet lill-Kunsilliera jekk hemmx xi *queries* fuq il-feedback li hi kienet tathom fuq il-minuti tal-laqgha ta' qabel.

2.5 Il-Minoirty Leader staqsa fuq nr 6.2 fejn kien jirrigwardja r-request li għamlu l-Każin tal-Banda għal l-skip. Huwa qed jistaqsi peress li fuq il-facebook kitbu li r-request għamluh għal bin u mhux skip. Is-Segretarju nfurmat li r-request kien ta' skip taħt iz-zuntier ħdejn l-ATM tal-BOV. Minħabba dan ir-request għandu jsir iktar sorveljanza fuq id-dustbins li għandhom jitbattlu kuljum. Il-Kunsill qabel li jistgħu jiżdiedu aktar dustbins. Għandna nerġgħu nistaqsu lill-Każin tal-Banda biex naraw eżatt x'kellhom f'moħħom għax jekk xtaqu bins ma tkunx problema basta mhux fin-naħa taz-zuntier.

2.6 Il-laqgħa ġiet sospiza fil-5.45p.m. peress li waslet l-Accountant il-ġdida li kienet mistiedna għall-laqgħa biex tintroduci ruħha mal-Kunsill.

2.7 L-Accountant infurmat lill-Kunsill kif bi ħsiebha taħdem u li kienet diġa bdiet torganizza ruħha. It-tir tagħha huwa li kull *quarter* tipprepara *management accounts* bi *breakdown* ta' l-ispejjes u anke il-*creditors* pendenti. Hija tkellmet anke fuq l-*issue* ta' Polidano Brothers u l-PPP fejn tablet biex noħorġu kull pagament li nħareġ. Dawn il-pagamenti ser jiġu iċċekkjati li issarfu. Meta jkollha stampa ċara fuq dan ser issejjaħ meeting fil-preżenza tal-Finance Committee jew tas-Segretarju

u hija ma' rappreżentat ta' Polidano Brothers fejn nitfgħu l-karti fuq il-mejda u nirrikonciljaw il-pagamenti.

2.8 Hija qalet li mal-Finance Committee laqgħa li kienet saret il-ġurnata ta' qabel it-Tlieta 22 ta' Settembru hija ressqet 'line of thoughts' u qalet li għandu jsir ukoll *short term budget* u x'ħin l-ħsieb tal-Kunsill u xi proġetti li jkun irid iwettaq. Hija kompliet tgħid li l-Kunsill irid jara kif ser iddaħal il-fondi – Revenue Stream.

2.9 Il-Kunsill tkellem fuq ix-xogħolijiet tal-ħaddiema ta' l-IPSL. Is-Segretarju qalet li fl-aħħar ta' kull ġimgħa, dejjem tintbagħat lista lis-Sindku biex xogħolijiet li jkunu għamlu l-ħaddiema matul dik il-ġimgħa. Wara li tqajmet *query* fuq in-*noticeboards*, is-Segretarju ikkonfermat li kemm Pamela u Dorianne jieħdu ħsiebhom.

2.10 Kunsillier anke staqsa lill-Accountant fuq il-missing file tal-Contracs Manager. Hija qed tisuġġerixxi li għandna niltaqgħu mal-Contracts manager u nitolbuh kopja tad-dokumenti. Is-Segretarju ikkonfermat li huwa ma għandu l-ebda document għax qed jgħid li kien ta' kollox lil ex-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju ikkonfermat ukoll li issa għandna 'in hand' kopja tar-rapport li sar lill-pulizija. L-Accountant anke staqsiet fuq kif ġie approvat li jingħata il-*Mobile allowance*. Is-Segretarju għandha tiċċekkja fuq dan mill-minuti tal-laqgħat. Jekk din ma ġietx approvata fil-laqgħa tal-Kunsill, l-allowance tal-mobile għandu jitwaqqaf immedjatament. Hija kompliet tgħid li żgur kiene ġie approvat fil-laqgħa tal-Kunsill li l-Contracts Manager kien ġie aċċettat. L-Accountant insistiet li għandha jsir meeting miegħu. Il-Kunsill mhux qiegħed tajjeb fir-rigward ta' l-impjieg tal-Contracts Manager peress li kuntratt qatt ma sar, saret biss Acceptance Letter. L-anqas mhu ċar fuq liema kuntratti għandu jitħallas. Għandu jiġi iċċekkjat 'tender document' vojt. Ġie deċiż li għandna nistaqsu lid-Dipartiment jekk nistgħux inbiddlu l-kundizzjonijiet tal-Contracts Manager u għandna nibgħatu kopja tar-rapport tal-Pulizija lid-Dipartiment u nistaqsu il-way forward.

2.11 Filwaqt li l-Kunsill irringrazzja lill-Accountant il-ġdida, din ħarġet mill-Kamra fis 6.30p.m. u l-laqgħa kompliet.

2.12 Il-Minority Leader informa li kien iltaqa' ma' rappreżentanti ta' l-HSBC biex jaraw fejn għandha ssir il-plakka tal-proġett ta' l-ilma fiċ-Ċentru Rekreattiv. Il-launch ser isir fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Il-laqgħa tibda nofs siegħa qabel biex isir dan. l-HSBC ikkonfermaw li ser iħallasu l-kont kollu, lill-Camray diretttament.

2.13 Is-Segretarju irringrazzjat għan-nom tal-Kunsill lill-Minority Leader għal dan l-isponsor li huwa kien ġab biex isir din il-biċċa xogħol.

2.14 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk hux ser inħallsu xi multi wara li l-Kunsill iddeċieda li jieqaf mill-Proġett tal-Measure 125. Is-Segretarju nfurmat li hija mill-ewwel kienet infurmat lill-Majjistral Parks bid-deċiżjoni imma huma talbu kopja tal-minuti b'din id-deċiżjoni. Is-Segretarju qalet li hija ma setgħatx tibgħat kopja ta' dawn il-minuti qabel ma jkunu approvati. Mal-minuti kellhom ukoll jintbgħatu żewġ ittri oħra.

2.15 Il-Minority leader staqsa ukoll fuq il-ġibjun tal-Pjazza u li wara li saru xi testijiet ġie identifikat li l-ilma huwa tajjeb għat-tisqija u mhux għax xorb. Dr. Sant kien tkellem ma' l-HSBC biex forsi jinħarġu xi fondi biex isir riċerka fuq dan il-ġibjun bħal kemm hu kbir, wiesgħa etc. Huwa ser jitkellem mas-Sur Glenn Bugeja ta' l-HSBC biex jaraw jekk jistgħux jagħtu fondi bħal per eżempju lil xi Perit biex issir din ir-riċerka. Il-ħsieb hu li l-quddiem nkunu nistgħu nagħtu l-ilma għat-tisqija lir-residenti b'sussidju biex nippromovu il-ġonna u naraw kif nistgħu nagħmlu użu aħjar minn dan l-ilma.

2.16 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li kien tkellem mat-Transport Malta sabiex jara jekk huwiex possibli li kunsilli idahhlu infrastruttura ta' "height restrictors" f'toroq li jkunu dojoq u minn fejn nahbsu li vannijiet kbar ma jkunux jistghu jghaddu minghajr ma jkunu ta' inkonvenjent jew ta' periklu. Ir-risposta li nghatat kienet li dan mhuwiex permess li jsir fuq toroq pubblici.

2.17 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 2.3 tal-minuti fuq l-attivitajiet. Hija qalet li dawn l-erba attivitajiet saru b'suċċess.

2.18 Is-Sindku nfurmat li iż-żewġ attivitajiet li jmiss huma in-Notte Biance u l-Birgu Fest. Il-Kappillan diġa avża fuq dawn l-attivitajiet u anke tqassmu, bħas soltu, n-notices fil-ħwienet u l-bars u fuq il-Facebook.

## 3. VIP LIST

3.1 Is-Sindku nfurmat li kienet ikkuntatjat lil Dr. Maria Attard fuq Lija plans u staqsietha biex tara eżatt kif kienet ipproponiet il-*presentation* fuq it-traffiku. Hija nfurmat li saret laqgħa bejnha u Dr. Attard is-Sibt 12 ta' Settembru fejn Dr. Attard reġgħet spjegat fuq dawn il-*presentations* tat-traffiku. Dr.Attard qalet li veru hemm x'isir u l-iktar ħaġa importanti huwa li jinqata' t-traffiku minn naħa ta' Santa Katerina u li din ser toġgħob lir-residenti. Hija kompliet tispjega l-andament tal-laqgħa li kellha ma' Dr. Attard.

3.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq Triq il-Maħlut, Triq Dun Ġużepp Tanti, Triq Egidio Lapira u Triq Salvu Mifud li bħalissa l-parking qed isir bl-addoċċ. Hija kompliet tgħid li Dr.Attard kient uriet għalqa viċin ta' Triq Salvu Mifsud li din tista tiġi parking area. Din tista tiġi inkluza.

3.3 Is-Sinjorina Farrugia semmiet, bħal ma konna diġa semmejna, hemm xi ħadd li joffri l-għalqa tiegħu biex isir parkeħħ fi Triq Preziosi. Jekk dan jista' jsir, jgħin għal iktar parking areas.

3.4 L-iktar ħaġa importanti f'dan l-istadja huwa li ssir dik il-laqgha mal-MEPA u TM mill-aktar fis possibli. Options ta' ġranet għal din il-laqgha huma jew id-9 ta' Ottubru jew 16 ta' Ottubru fit-3.30p.m.

3.5 Resident xtaq jagħmel request għal iktar parking bays fi Triq Mario Agius c/w ma Triq Mikielang Borg minħabba nuqqas ta' parking. Il-Kunsill approva dan ir-request u għandha tintbgħat lit-TM għal approvazzjoni taghhom

3.6 University Residence qed jitolbu lill-Kunsill biex jagħmlu żewġ bollards bin-'No Parking' signs marbutin b'katina quddiem il-garaxx taghhom taħt il-bankina. Dan jagħmluhom għas-spejjes tagħhom. Il-Kunsill qabel ma' dan ir-request.

3.7 Request min residenta għal kaxxa bajda fi sqaq numru wieħed Triq Il-Kunċizzjoni fil-kantuniera fejn Transport Malta approvat li jsiru double yellow lines. Id-Double yellow lines għadhom ma sarux għax ir-residenti li joqgħodu hemm baqgħu jinsistu li jibqgħu jipparkjaw. Dan ir-request ma ġiex approvat mill-Kunsill. Ir-residenta għandha tiġi nfurmata bid-deċiżjoni.

3.8 Is-Sindku ressqet rikjesta mingħand resident għal żewġ road humps fi Triq Giovanni Barbara meta nkunu ser noħorġu miż-żewġ naħat f'salib it-toroq fi Vjal Trasfigurazzjoni. Din qed tiġi mitluba peress li qed isiru aċċidenti bħal ma jiġri fi Triq Robert Mifsud Bonniċi. Ġie decis li għandna nieħdu parir mingħand is-Sur Muscat tat-TM meta jiġi 'on site'. Għalissa din ma għandix tintbagħat b'e-form.

3.9 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk iz-zebra crossing fi Vjal Trasfigurazzjoni tistax issir kif suppost bid-dawl. Il-Kunsill qabel ma din ir-request u għandna nfittxu li jsir dawl tas-solar. Din għandha titħallas mill-fondi ta' l-LES

3.10 Residenta oħra qed titlob li titnehha l-ħadida li kienet saret fi Triq Sir Ugo Mifsud quddiem dar no 55. Din il-ħadida ma ghadix tintuza peress li r-residenta kienet mietet. Ir-residenta qed tilmenta li meta tiġi biex tipparkja fil-parking bay ta' fejn din il-ħadida il-bieba tal-karozza lanqas tkun tista tiftaħa. Il-Kunsill qabel ma' din ir-request u l-ħadida għandha tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill għal meta niġu bżonnha.

3.11 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill applikazzjoni għal reserved parking fi Triq Sant'Andrija faċċata tal-Każin ta' Sant'Andrija. Din ir-residenta għandha diffikulta ta' mobilta u xi kulltant tuża 'wheel chair'. Din ir-residenta għandha garage mad-dar. Saret diskussjoni fuq dan ir-request

għax mhux kulħadd qabel li għandha tiġi approvata. Ġie deċiż li l-Kunsill jagħti 'No objection' għal dan ir-request u TM jagħmlu r-riċerki taghhom.

3.12 Is-Segretarju ressqet proposta fuq il-mejda tal-Kunsill b'tibdil ta' ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju għax-xitwa. Hija poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill ħinijiet ta' kif jaħdmu Kunsilli oħra. Il-ħin bħalissa huwa bejn 7.45a.m. sal-5.00p.m.. Hija qed tipproponi li l-uffiċċju jinfetaħ fis-7.30a.m (15 – il minuta iktar kmieni)., break ta' 45 minuta ma jittieħedtx u nagħlqu l-uffiċċju fl-4.00p.m. Il-ħinijiet ta' Kunsilli oħra ivarjaw ħafna, hemm min jieħu break u hemm min ma jieħux. Is-Segretarju kompliet tgħid li dan ikun inċentiv għal l-istaff. Hija kompliet tgħid li ghal kuntrarju ta' Kunsilli oħra, l-uffiċċj jibqa miftuħ minn x'ħin jinfetah sa x'ħin jagħlaq ghall-pubbliku u l-iktar li jiġu nies iħabbtu u anke iċemplu huwa waqt il-ħin ta' break alavolja il-bieb ikun magħluq. Bejn l-4.00p.m. u l-5.00p.m. ftit jiġu nies u Kunsilliera ikkonfermat dan. Il-kunsilliera taw l-opinjonijiet taghhom fuq dan. Kien hemm min qal irridu ta' l-anqas 15 minutes break imma s-Segretarju qalet li ma tagħmilx sens li nagħlqu l-bieb għal 15-il minuta allura nistgħu nkomplu naqgħdu lin-nies. Is-Sindku issugeriet li darba fil-ġimgha naħdmu siegħat normali bħal qabel, sal- 5.00p.m. Kien hemm opinjoni oħra li din isir kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Ġimgħa. Opinjoni oħra kienet li nahdmu sat-3.00p.m. u ġurnata fil-ġimgha naħdmu sas-6.00p.m.
Għalkemm mhux il-Kunslliera kollha qablu ġie deċiż li l-uffiċċju jinfetaħ fis-7.30a.m. u jibqa miftuh sa l-4.00p.m. u kull nhar ta' Erbgha l-ħinijiet ikunu kif kienu qabel mit-7.45a.m. sas-1.15p.m. u mis-2.00p.m. sal 5.00p.m. Bħala ammont ta' siegħat ta' xogħol ser jibqgħu l-istess u r-residenti ser jibqgħu jinqdew kif dejjem kienu minn x'ħin jinfetah l-uffiċċju sa ma jagħlaq. Dan ser isir bi prova għal tlett xhur u naraw x'ikun l-andament.

3.13 Waste Reduction Week ser isir bejn il-21 ta' Novembru u 29 ta' Novembru 2015. Il-Kunsill kellu jiddeċiedi x'attivita jixtieq li jwettaq, sessjonijiet informattivi fuq waste management, seminar fuq kif isir presepju minn Waste items, taħdidiet fuq recycling u Kompost etc... Għal din l-attivita irridu napplikaw 'on-line'sa 2 ta' Novembru 2015. Is-Segretarju nfurmat li kif kien ġie deċiż li jinġabru ħwejjeġ, il-GreenPak mhux ser jiġbru ħwejjeġ din is-sena allura din l-attivita ma tistax issir. Is-Sindku nfurmat li hija taf lil xi ħadd personalment li jiġbor il-ħwejjeġ u l-Kunsill qabel li hija għandha tagħmel kuntatt miegħu. Is-Sindku qalet li sa għada il-Ħamis 24 ta' Settembru hija ser tilħaq tkellmu.

3.14 Is-Sindku qalet ukoll li hija tkellmet ma' l-għaqda tal-prespeji biex niftehmu mal-Headmistress ta' l-iskola biex isir talk u juru lin-nies kif isiru il-presepji minn Waste items. Din għandha ssir qabel il-Milied biex wara jistgħu isiru kompetizzjonijiet għal-isbaħ presepju.

3.15 L-Ex Sindku qed jagħmel request biex il-parking space quddiemu tikber xi ftit għax peress li għandu karozza kbira qed isiru il-yellow biex tal-garaxx. Huwa qala ċitazzjoni fuq hekk. Jekk il-Kunsill jaqbel, il-ħaddiema jmorru 'on site' u qalu jistgħu iċċekknu ftit il-grid li titħol għal Tabor Str u iż-żewġ parking spaces quddiem id-dar tiegħu ikunu jistgħu jikbru. Il-Kunsill qabel li din tista' ssir.

3.16 Is-Segretarju tkellmet fuq minuti seduta nr 36 tas 16' ta' Lulju 2015 fejn trid tiġi kkoreġuta 2.17 u irid jinbidel l-isem ta' min tkellem fuq dan il-punt. L-isem irid jinbidel u isir is-Sinjorina Lorraine Farrugia u mhux is-Sinjorina Stephanie Cutajar. Għalhekk il-paragrafu għandu jinqara hekk :

"Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet ukoll fuq il-problema tal-ġbir tal-ħġieġ peress li qed jinħarġu ukoll ma l-iskart l-ieħor. Ġie deċiż li għandna ninfurmar lill-Każini u bars li l-ġbir tal-ħġieġ jinġabar biss kull l-ewwel ġimgħa ta' kull xahar mill-GreenPak u ma għandux jinġabar mill-kuntrattur ta' l-ġbir ta' l-iskart."

Is-Segretarju nfumat li kien sar żball fil-minuti ta' qabel. Peress li l-minuti kienu diġa ġew approvati dawn ma setgħux jiġu ikkoreguti u wara direzzjoni mid-Dipartiment qed jiġu ikkoreguti issa.

3.17 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar u l-Minority Leader Dr. Marc Sant ġibdu l-attenzjoni li meta jinġabar il-ħġieġ, il-kaxxi tal-kartun qed jitħallew jiġru kif ġie ġie. Għandna niġbdu l-attenzjoni tal-GreenPak fuq dan.

3.18 TM approvaw motorcycle bay fi Triq Giuseppe Cali u x'ħin il-ħaddiema marru biex jagħmlu dan il-motorcycle bay sabu li f'dik il-parti m'hemmx parking base allura qegħdin jistaqsu jekk jagħmlux dawn iż-żewġ parking bays tal-karozzi u tal-mutur jew tal-mutur biss. Irridu imorru 'on site' u niċċekkjaw iktar fuq dan ir-request.

3.19 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq Sant'Andrija hemm problema li peress qed ikun hemm van ipparkjat qed jinħloq il-problemi. Ġie deċiż li nitkellmu mas-sid tal-van u ngħidulu biex ma jipparkjax iktar hemm. Nistgħu napplikaw ukoll għal motorcycle bay eżatt quddiem ir-resident biex titaffa l-problema.

3.20 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tat informazzjoni fuq il-proġett tal-Binja tal-Kunsill. Hija fakkret li konna irċevejna mingħand id-Dipartiment l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' l-art u kien hemm ħafna affarijiet li talbuna u anke ssir il-pjanta. Hija fakkret li l-Kunsill kien iddeċieda li ġol-binja jidħlu ukoll is-servizzi li ser jieqfu minn Ħal Balzan. Hija qalet li tkellmet tas-Sur Gafa CEO tal-Maltapost u huwa interessat ħafna. Huwa qal li jkollhom bżonn bejn 120 jew 130 sq metres fit-tul u beħsiebhom jagħmlu 24/7 servizz.

3.21 Hija kompliet tgħid li kitbet lil BOV u l-BANIF u anke ser tikteb lill-HSBC u min jagħti l-aħjar offerta niddeċiedu. Dawn huma interessati ukoll.

3.22 Kitbet ukoll lill-Ministru Farrugia tas-Social Services fejn staqsietu jekk ikunx interessat jekk jagħmlux l-uffiċċju tas-Social Services ukoll. Huwa irrisponda li veru interessat.
3.23 Ma dawn l-entitajiet is-Sindku għamlitha ċara li l-art hija tal-Gvern u kulħadd irid joħroġ sehmu biex tinbena l-binja u l-kera. Hija qalet li l-pass li jmiss huwa li tiltaqa' ma' dawn l-entitajiet.
3.24 Is-Sur Massimo Scerri ressaq suġġeriment li l-pjanta fuq il-boċċi hija ikbar minn dik li applikajna għaliha. Imma kulħadd qabel li din ma tistax isir.
3.25 Dr. Marc Sant staqsa fejn hemm il-parking ħdejn Giovanni Barbara x'inhi l-possibilta li l-art tiġi devoluta minflok il-biċċa ta' ħdejn is-siġar taż-żebbuġ.
3.26 Is-Sindku qalet li 'at this stage' huwa li għalissa naraw min hu interessat.
3.27 Is-Segretarju ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-kwotazzjoni tal-Perit għas-somma ta' € 2225.00 biex jiġu ppreparati l-pjanti u jsiru laqgħat mal-Kunsill. Qabel ma niddeċiedu fuq dan irid ikollna konferma li l-entitajiet aċċettaw.
3.28 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li l-ewwel irridu naraw fuq liema biċċa art irridu li tinbena din il-binja, wara naraw li l-Perit joħroġ il-BOQ biex naraw kemm hemm spejjes. Meta tinħadem din irridu naraw kemm ser tinqasam il-kera fuq l-entitajiet u l-Kunsill.
3.29 Ġie deċiż li nibgħatu l-pjanta lill-Perit biex jikkalkolana l-area ta' żewġ biċċiet art mill-Lands.
3.30 Is-Sur Massimo Scerri qed jinsisti li iridu jiġu iċċekkjati l-ispejjes tal-Perit u fuq liema rata qed jitħallas.
3.31 Is-Segretarju nfurmat li l-Perit u Giovan mill-Ells Ltd. Għandhom imorru 'on site' fuq l-areas li għandhom bżonn patching u jinħarġu l-istimi.
3.32 Is-Sindku nfurmat li l-Kuntratt tal-GreenPak ser jiskadi fis-16 ta' Marzu 2016. Ġie deċiż li nagħmlu data għal ħabta ta' Novembru 2015 mal-GreenPak u l-GreenMt biex naraw x'għandhom x'joffru biex meta niġu għal Marzu tas-sena d-dieħla inkunu deċiżi x'iridu.
3.33 Is-Segretarju ressqet korrispondenza fuq il-European Mobility Week 2015 li id-deadline biex napplikaw huwa it- 2 t'Ottibru 2015. Iridu jitressqu proposals u jekk inkunu fost l-erba' Kunsilli nistgħu nirbħu € 2000 bejnietna. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar u l-Minority Leader Dr. Marc Sant għandhom jaraw matul din il-ġimgħa b'xi proposals jistgħu joħorġu bihom biex inkunu nistgħu napplikaw.
3.34 Is-Segretarju nfurmat li id-data ta' l-għeluq għat-tenders tal-Public Convenience hija il-5 t'Ottubru 2015. Il-kuntratt preżenti jagħlaq fil-31 t'Ottubru 2015. Is-Segretarju nfurmat li sa l-aħħar t'Ottubru l-kuntrattur irid jintgħażel. Ġie deċiż li t-tenders tal-Public Convenience jinfetħu fil-5 t'Ottubru fl-4.00p.m.

3.35 Is-Segretarju nfurmat li LES funds sallum l-Erbgha 23 ta' Settembru għandna Eur8,876.53. B'dan l-ammont jistgħu ssiru proġetti bħal patching u anke affarijiet oħra. Is-Segretarju nfurmat li l-għada l-Ħamis 24 ta' Settembru 2015 għandhom imorru Clayton u Giovann ta' l-Ells biex ikejjlu u jagħtu stima fuq il-lista ta' patching li aħna tajnieh. Huwa għandu ukoll jgħidilna liema patching huwa l-aktar urġenti. F'din il-lista inkludejna Triq Pantar u Triq Annibale Preca. Is-Segretarju kompliet tinforma li wara li toħroġ l-istima tal-patching ikunu iktar f'pożżizzjoni li niddeċiedu x'xogħolijiet oħra nkunu nistgħu nagħmlu bħal xi mirja u affarijiet pendenti oħra li għandna.

3.36 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li reġgħu qed jidhru z-zebra crossings li kemm il-darba inżebgħu. Is-Segretarju nfurmat li ż-żebgħa qeda tinħela għal xejn, għalhekk trid tinġieb kwotazzjoni per metre biex isir scarifying taż-żebra crossings fi Triq Il-Forn and fi Triq Sant'Andrija minghand l-Ells. Fl-istess waqt jekk għandna żebgħa sewda nistgħu nerġħhu nagħtuhom.

3.37 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet tkellmet mal-Ministeru fuq Triq Pantar u f'Jannar ser jiġu asfaltati toroq li mhumiex toroq arterjali bħal Triq Fernand Gregh. Hija reġgħet tkellmet biex l-istess isir fuq Triq Pantar. Irid jiġi iċċekkjat jekk Pantar Road hiex fil-lista tal-patching li ser jagħmel il-gvern.

3.38 Is-Segretarju tat rendikont tal-bilanci tal-banek sat-22 ta' Settembru 2015. Din hija l-aħħar tranch ta' l-allokkazzjoni. F'Ottubru tidħol l-aħħar l-allokkazzjoni tas-sena 2015.

HSBC

| | |
|---|---|
| Current A/C | €96.62 |
| Savings A/C | €29,384.49 |
| Fixed A/C | €8,025.35 |
| Savings A/C | €572.08 |
| L-Iskeda għal din il-laqgħa | €28,964.43 |
| Creditors oħra li għad iridu | |
| Jitħallsu | €22,138.12 |

3.39 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti mis-19 t'Awwissu sat-23 ta' Settembru 2015. Hija nfurmat li Polidano Bros. qed jiġru wara l-pagament għal din is-sena u aċċettaw li jitħallsu €8,000.

3.40 Pagament nr 14 irid jitneħħa mill-iskeda peress li dan il-pagament ser jitħallas mill-HSBC

3.41 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia bħal kull xahar ma japprovawx il-pagamenti fuq il-Kuntratti ta' Sweeping u l-Waste Collection nr 1 u nr 2 fuq l-iskeda.

3.42 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienet għamlet kuntatt ma' Dr.Kris Balzan biex tara fejn waslet il-kwarela. Huwa kien kellem lis-Spettur Ferris u dan ta' l-aħħar kellu jagħti risposta llum.

3.43 Is-Sindku qalet li peress li l-Accountant ġibdet l-attenzjoni fuq il-pagament tal-maid tal-Kunsill li ma tagħtix VAT receipt, hija lesta li tkellimha għax hi żgur ser tkun VAT exempt peress li hija ma tagħmilx iktar minn 30 siegħa fil-ġimgħa.

3.44 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi l-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 IS-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq korrispondenza li tirrigwardja l-problema tal-ħamiem fejn dan ġie irraportat lil ta'Sanita. Dawn għandhom jagħmlu *inspection* u għandhom jgħidulna qabel jiġu pero jekk isibu t-triq jew il-bankini maħmuġin, il-Kunsill irid inaddaf. Is-Sinjorina Farrugia qalet li hemm ħafna ħmieġ tal-ħamiem ħdejn nr 62 Triq Id-Dejqa u anke grieden Għandna nistaqsu lill-Projects Manager biex jgħidilna ta' min hi id-dar.

4.2 Il-Minority Leader tkellem fuq il-ħmieġ tal-ħamiem ukoll fi Triq il-Kbira ħdejn id-dar Casa d'Amico, ta' Maria Cassar (tista tigi ikkuntatjata s-Sinjura Doris Carssar) u id-dar tas-Sinjura Francesca Vassallo Cesareo. Għandna ngħidlu lil tas-Sanita bihom biex jagħmlu inspection ukoll meta jiġu.

4.3 Is-Sur Massimo Scerri qal li fil-ġnien hemm bozza li hija mogħtija bis-siġar u li kull darba li jisaqqa l-ġnien il-flood lights li hemm fil-ħamrija qed jaqtgħu ic-circuit breaker.

4.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk sarux l-ismijiet tat-toroq Daħlet Annibale Preca.

4.5 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk jistax jikteb lill-ELC minħabba is-siġar tal-ġnien u qed itelgħu l-madum. Is-Segretarju nfurmat li konna diġa morna on site fil-ġnien ma' rapresentant ta' l-ELC u ġejna nfurmati li dawn is-siġar ma nistgħux imissuhom. Kull ma rridu nagħmlu huwa li indawru fence magħhom.

4.6 Il-Minoirty Leader ressaq complaint fejn qal li għandha tintbgħat ittra lill- University Residence biex in-nies li jikru il-pool iġibu ruħhom ta' nies għax qed ikun hemm ħafna dagħa.

4.7 Dr. Marc Sant tkellem ukoll li kien bagħat ritratt ta' xi ħadd li dejjem ikun ipparkjat f'Conception Street u jkun ipparkjaat ħażin peress li dik hija *two way*. Irridu nagħmlu kuntatt ma min qed jipparkja ħażin.

4.8 Dr. Marc Sant qal li hemm bżonn ta' deleantor oħra fi Triq il-Forn u anke mad-dawra ta' Dr. Micallef Hawkes. Meta jkunu ser jitwaħħħu dawn id-delanators jiġi ikkuntatjat Dr. Sant biex juri eżatt fejn iridu jitwaħħlu.

4.9 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq in 'No Entry Sign' minn Naxxar Road għal Triq Preziosi. Għandna naraw fejn waslu dawn il-bollards.

4.10 Ġie deċiż li nagħmlu listi ta' deleantors u ta' mirja biex jinxtraw kollha flimkien.

4.11 Is-Sindku reġgħet semmiet in 'No Horns signs' li ġew approvati ħdejn Villa Francia. Dawn għandhom jinxtraw mal-mirja u deleanators.

## 5. DATA TAL-LAQGHA

5.1 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-Kunsill li imiss tkun nhar il-Ħamis 29 t'Ottubru 2015 fil-5.00p.m.

## 6. TMIEM

Is-Seduta imtemmet fit-8.45 hrs b'mod unanimnu.

Magda Magri Naudi
Sindku

Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv